

8. It-tmien motiv ibbażat fuq li l-BĊE kiser il-prinċipju ta' *nemo auditur*.
9. Id-disa' motiv ibbażat fuq li l-BĊE wettaq użu ħażin ta' poter.
10. L-għaxar motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt ta' ABLV Banki skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea minħabba n-nuqqas li jiġi żgurat it-trattament tal-kwistjonijiet ta' ABLV Bank mill-istituzzjonijiet u mill-korpi rilevanti tal-Unjoni.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2018 – Strabag Belgium vs Il-Parlament

(Kawża T-299/18)

(2018/C 259/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Strabag Belgium (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentanti: M. Schoups, K. Lemmens u M. Lahbib, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara din it-talba għal annullament ammissibbli u fondata;
- konsegwentement, tiddeċiedi l-annullament (i) tad-deċiżjoni tad-19 ta' April 2018 li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2017 li l-kuntratt li għandu bħala għan kuntratt-qafas ta' xogħolijiet ta' impriża ġenerali għall-binjiet tal-Parlament Ewropew fi Brussell (Sejħa għal offerti Nru 06/D20/2017/M036) jingħata lil ħames offerenti minbarra lil SA Strabag Belgium u mhux lil din tal-aħħar, u (ii) tar-rapport ta' analiżi tal-offerti (addendum) redatt fis-26 ta' Marzu 2018 mill-kumitat ta' evalwazzjoni maħtur mill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż l-ispejjeż proċedurali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur:

- (i) tal-Artikolu 110(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 286, p. 1), li jipprovdli li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza li tadotta atti delegati b'mod konformi mal-Artikolu 210 f'dak li jikkonċerna l-metodi relattivi għall-kriterji ta' għoti, inkluża l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża;
- (ii) tal-Artikolu 151 emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2462 tat-30 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 342, p. 7), li jistabbilixxi r-regoli applikabbli fil-qasam tal-offerti anormalment baxxi, kif ukoll

(iii) tal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali ta' trasparenza, ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi.

Ir-rikorrenti tqis li dawn ir-regoli ġew miksura sa fejn id-deċiżjoni kkontestata:

- (i) tindika le ebda element prodott, jew fl-offerti mressqa, jew fl-ispejgazzjonijiet addizzjonali mitluba sussegwentement, ma jippermetti li jiġi affermat li l-offerta ta' waħda mill-kumpanniji offerenti hija anormalment baxxa fir-rigward tal-leġiżlazzjoni applikabbli u
- (ii) tiddekrivi l-offerta msemmija iktar 'il fuq bħala l-offerta regolari l-iktar baxxa mingħajr motivazzjoni adegwata, filwaqt li l-offerta ta' din tal-aħħar manifestament ma hijiex l-offerta regolari l-iktar baxxa, li din tinkludi prezzijiet anormalment baxxi u li jmissha għet iddikjarata irregolari u miċħuda wara eżami iktar konkret u ddettaljat imwettaq mill-Parlament Ewropew.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2018 – MLPS vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-304/18)

(2018/C 259/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Mouvement pour la liberté de la protection sociale (MLPS) (Pariġi, Franza) (rappreżentant: M. Gibaud, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata u tiddeċiedi dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea li tieħu azzjoni, billi astjeniet illegalment milli tkompli tittratta l-ilment tal-assoċjazzjoni Mouvement pour la liberté de la protection sociale (MLPS) tal-21 ta' Diċembru 2017;
- tannulla minnufih id-deċiżjoni tas-7 ta' Marzu 2018 tal-Kummissjoni Ewropea li tirrifjuta milli tittratta l-ilment tal-assoċjazzjoni Mouvement pour la liberté de la protection sociale (MLPS) tal-21 ta' Diċembru 2017;
- tiddeċiedi skont id-dritt għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat, b'mod partikolari, fuq evalwazzjoni żbaljata tad-deċiżjoni kkontestata li tgħid li l-iskemi Franċiżi ta' sigurtà soċjali jistgħu jiġu kklassifikati bħala "skema legali ta' sigurtà soċjali" minkejja li dawn bl-ebda mod ma huma skemi intiżi għall-popolazzjoni kollha, lanqas għall-popolazzjoni attiva kollha, iżda skemi li jiġbru l-ħaddiema skont l-istatus professjonali tagħhom li għalihom għalhekk għandhom japplikaw id-Direttivi 92/49/KEE u 92/96/KEE.